MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2009

Numru. 476/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**George Cassar ta’ 40 sena, iben Anthony u Margaret nee` Abela, imwieled nhar it-22 ta’ Jannar, 1939, u residenti gewwa St. Mary, Triq Tas-Sisla, B’Karaz u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 70469(M).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Cassar talli bejn it-13 ta’ April, 2009 u l-14 ta’ Mejju, 2009, xjentement xtara jew laqgha ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehudha b’qerq jew akkwistati

b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkunu indahal biex ibiegghom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Ghar-rigward tat-tieni akkuza l-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lill-imputat minn din l-akkuza billi ma tressqitx prova dwar l-istess.
Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 334(a) u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuza dwar ir-recidiva billi ma gietx ippruvata, issibu hati ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija, liema perjodu ta' prigunerija fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna notifika ta'l-atti u s-sentenza lill-Avukat Generlai skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------